ISSN 1977-0987

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 96

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

4 ta' April 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 96/01 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] 1

2013/C 96/02 Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE – Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet [1] 6

III *Atti preparatorji*

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

2013/C 96/03 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tas-7 ta' Jannar 2013 dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi faċilità biex tingħata għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro (CON/2013/2) 11

2013/C 96/04 Opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Jannar 2013 dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet (CON/2013/4) 18

MT

Prezz: EUR 3

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2013/C 96/05 Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament: 0,75 % fl-1 ta' April 2013 — Rata tal-kambju tal-euro 22

2013/C 96/06 Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea 23

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

Il-Parlament Ewropew

2013/C 96/07 Sejħa għan-nominazzjonijiet għall-elezzjoni tal-ombudsman Ewropew 24

MT

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 96/01)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	20.12.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.34536 (12/N)	
Stat Membru	Spanja	
Reġjun	—	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Restructuring and recapitalisation of Banco CEISS — Spain	
Il-bażi legali	— Real Decreto-ley 9/2009, de 26 de junio, sobre reestructuración bancaria y reforzamiento de los recursos propios de las entidades de crédito. El art. 7 regula los procesos de reestructuración ordenada de entidades de crédito con intervención del FROB. — Real Decreto-ley 6/2010, de 9 de abril, de medidas para el impulso de la recuperación económica y el empleo. Modifica las condiciones de intervención del FROB en los procesos de reestructuración ordenada. — Real Decreto-ley 16/2011, de 14 de octubre, por el que se crea el Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito. Recoge las funciones del FGD. — Real Decreto-ley 19/2011, de 2 de diciembre, por el que se modifica el Real Decreto-ley 16/2011, de 14 de octubre, por el que se crea el Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito. Modifica el mecanismo de colaboración del FGD en la reestructuración ordenada de entidades de crédito	
It-tip tal-miżura	Għajnuna ad hoc	Banco de Caja España de Inversiones, Salamanca y Soria, SA (Banco CEISS)
L-għan	Rimedju għal tħarbit serju fl-ekonomija	
Il-forma tal-għajnuna	Forom oħra ta' intervent ta' ekwità	
L-estimi	Baġit globali: EUR 1 846 (f'miljuni)	
L-intensità	—	
It-tul ta' żmien	20.12.2012-31.12.2017	
Setturi ekonomiċi	Attivitajet finanzjarji u marbuta ma' assigurazzjoni	

Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	FROB. Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria FGD. Fondo de Garantía de Depósitos Ministerio de Economía y Competitividad José Ortega y Gasset, 22 5º 28006 Madrid ESPAÑA José Ortega y Gasset, 22 5º 28006 Madrid ESPAÑA Paseo de la Castellana, 162 28071 Madrid ESPAÑA
Aktar informazzjoni	—

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	18.12.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.34604 (12/N)	
Stat Membru	Ir-Renju Unit	
Reġjun	Scotland	Artikolu 107(3)(c)
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Prolongation of the Freight Facilities Grant scheme	
Il-bażi legali	Section 71 of the Transport (Scotland) Act 2001 and Section 272 of the Transport Act 2000 as modified by Article 3 of the Scotland Act 1998 (Transfer of Functions to the Scottish Ministers, etc.) Order 2003	
It-tip tal-miżura	Skema	Operators of freight handling facilities
L-għan	Protezzjoni tal-Ambjent	
Il-forma tal-għajnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: GBP 20,75 (f'miljuni)	
L-intensità	50 %	
It-tul ta' żmien	1.1.2013-19.12.2017	
Setturi ekonomiċi	Trasport ġewwieni ta' merkanzija fuq l-ilma, Trasport ta' merkanzija bil-ferrovija, Trasport ta' merkanzija fuq il-baħar u mal-kosta	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	The Scottish Government Transport Scotland, Aviation, Maritime, Freight and Canals Directorate Victoria Quay Edinburgh EH6 6QQ UNITED KINGDOM	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	22.8.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35190 (12/N)	
Stat Membru	Il-Latvja	
Reġjun	Latvija	Artikolu 107(3)(a)
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Grozījumi shēmā "Dalītas atkritumu apsaimniekošanas sistēmas attīstība"	
Il-bażi legali	3. darbības programmas "Infrastruktūra un pakalpojumi" 3.5. prioritātes "Vides infrastruktūras un videi draudzīgas enerģētikas veicināšana" 3.5.1. pasākums "Vides aizsardzības infrastruktūra"; Ministru kabineta noteikumu projekta darbības programmas "Infrastruktūra un pakalpojumi" papildinājuma 3.5.1.2.3. apakšaktivitāte "Dalītās atkritumu apsaimniekošanas sistēmas attīstība".	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Żvilupp reġjonali	
Il-forma tal-għajnuna	Għotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: LVL 39,06 (f'miljuni)	
L-intensità	50 %	
It-tul ta' żmien	11.9.2012-1.12.2013	
Setturi ekonomiċi	Attivitajiet ta' ġbir u trattament ta' skart u disponiment minnu; irkupru ta' materjal	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Vides aizsardzības un reģionālās attīstības ministrija Peldu iela 25 Rīga, LV-1494 LATVIJA	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	14.12.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35280 (12/N)	
Stat Membru	Il-Ġermanja	
Reġjun	—	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Änderung der Beihilferegelung „Richtlinie des Landes Niedersachsen für Garantien zur Beteiligung an kleinen und mittleren Unternehmen der gewerblichen Wirtschaft" Änderung der Beihilferegelung „Richtlinie des Landes Niedersachsen für Garantien zur Beteiligung an kleinen und mittleren Unternehmen der gewerblichen Wirtschaft" (N 772/06)	
Il-bażi legali	§§ 23 und 44 der Niedersächsischen Landeshaushaltsordnung und die Richtlinie des Landes Niedersachsen für Garantien von Beteiligungen an kleinen und mittleren Unternehmen der gewerblichen Wirtschaft — Runderlass des Niedersächsischen Finanzministeriums	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Rizikos kapitalas, Sunkumus patiriančių įmonių restruktūrizavimas	
Il-forma tal-għajnuna	Garanzija	
L-estimi	Baġit globali: EUR 100 (f'miljuni) Baġit annwali: EUR 100 (f'miljuni)	
L-intensità	75 %	
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2013	
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Niedersächsisches Finanzministerium Schiffgraben 10 30159 Hannover DEUTSCHLAND	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	6.3.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35403 (12/NN)	
Stat Membru	Ir-Renju Unit	
Reġjun	Comhairle Nan Eilan (Western Isles)	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	HTT (Manufacturing) Ltd, Restructuring Plan September 2012	
Il-bażi legali	Enterprise and New Towns (Scotland) Act 1990, as amended 1 April 2001 by Scottish Statutory Instrument 2001 No 126	
It-tip tal-miżura	Għajnuna ad hoc	HTT (Manufacturing) Ltd
L-għan	Sunkumus patiriančių įmonių restruktūrizavimas	
Il-forma tal-għajnuna	Oħrajn, Ghotja diretta	
L-estimi	Baġit globali: GBP 0,19 (f'miljuni) Baġit annwali: GBP 0,19 (f'miljuni)	
L-intensità	50 %	
It-tul ta' żmien	mill-29.8.2012	
Setturi ekonomiċi	Irfinar ta' tessuti, Tħejjija u għażil ta' fibri tat-tessuti	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Highlands and Islands Enterprise Cowan House, Inverness Retail & Business Park Inverness IV2 7GF UNITED KINGDOM	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Awtorizzazzjoni għal għajnuna mill-Istat skont l-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE

Fir-rigward ta' dawn il-każijiet il-Kummissjoni ma tqajjimx oġġezzjonijiet

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/C 96/02)

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	20.12.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35488 (12/N)	
Stat Membru	Spanja	
Reġjun	—	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Restructuring of Banco Mare Nostrum — Spain	
Il-bażi legali	— Real Decreto-ley 9/2009, de 26 de junio, sobre reestructuración bancaria y reforzamiento de los recursos propios de las entidades de crédito. El art. 7 regula los procesos de reestructuración ordenada de entidades de crédito con intervención del FROB. — Real Decreto-ley 6/2010, de 9 de abril, de medidas para el impulso de la recuperación económica y el empleo. Modifica las condiciones de intervención del FROB en los procesos de reestructuración ordenada. — Real Decreto-ley 16/2011, de 14 de octubre, por el que se crea el Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito. Recoge las funciones del FGD. — Real Decreto-ley 19/2011, de 2 de diciembre, por el que se modifica el Real Decreto-ley 16/2011, de 14 de octubre, por el que se crea el Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito. Modifica el mecanismo de colaboración del FGD en la reestructuración ordenada de entidades de crédito	
It-tip tal-miżura	Għajnuna ad hoc	Banco Mare Nostrum SA
L-għan	Rimedju għal tħarbit serju fl-ekonomija	
Il-forma tal-għajnuna	Forom oħra ta' intervent ta' ekwità	
L-estimi	Baġit globali: EUR 3 745 (f'miljuni)	
L-intensità	—	
It-tul ta' żmien	mill-20.12.2012	
Setturi ekonomiċi	Attivitajiet finanzjarji u marbuta ma' assigurazzjoni	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	FROB. Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria FGD. Fondo de Garantía de Depósitos Ministerio de Economía y Competitividad José Ortega y Gasset, 22 5º 28006 Madrid ESPAÑA Paseo de la Castellana, 162 28071 Madrid ESPAÑA	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	20.12.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35490 (12/N)	
Stat Membru	Spanja	
Reġjun	—	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Restructuring of Liberbank — Spain	
Il-bażi legali	— Real Decreto-ley 9/2009, de 26 de junio, sobre reestructuración bancaria y reforzamiento de los recursos propios de las entidades de crédito. El art. 7 regula los procesos de reestructuración ordenada de entidades de crédito con intervención del FROB. — Real Decreto-ley 6/2010, de 9 de abril, de medidas para el impulso de la recuperación económica y el empleo. Modifica las condiciones de intervención del FROB en los procesos de reestructuración ordenada. — Real Decreto-ley 16/2011, de 14 de octubre, por el que se crea el Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito. Recoge las funciones del FGD. — Real Decreto-ley 19/2011, de 2 de diciembre, por el que se modifica el Real Decreto-ley 16/2011, de 14 de octubre, por el que se crea el Fondo de Garantía de Depósitos de Entidades de Crédito. Modifica el mecanismo de colaboración del FGD en la reestructuración ordenada de entidades de crédito	
It-tip tal-miżura	Għajnuna ad hoc	Liberbank SA
L-għan	Rimedju għal tħarbit serju fl-ekonomija	
Il-forma tal-għajnuna	Oħrajn, Forom oħra ta' intervent ta' ekwità	
L-estimi	Baġit globali: EUR 1 124 (f'miljuni)	
L-intensità	—	
It-tul ta' żmien	mill-20.12.2012	
Setturi ekonomiċi	Attivitajiet finanzjarji u marbuta ma' assigurazzjoni	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministerio de Economía y Competitividad FROB. Fondo de Reestructuración Ordenada Bancaria Paseo de la Castellana, 162 28071 Madrid ESPAÑA José Ortega y Gasset, 22 5º 28006 Madrid ESPAÑA	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	19.11.2012	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35561 (12/N)	
Stat Membru	Il-Ġermanja	
Reġjun	Bremen	Mhallta
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Verlängerung der Richtlinie der Freien Hansestadt Bremen über die Gewährung von Rettungs- und Umstrukturierungsbeihilfen an kleine und mittlere Unternehmen der gewerblichen Wirtschaft	
Il-bażi legali	Richtlinie der Freien Hansestadt Bremen über die Gewährung von Rettungs- und Umstrukturierungsbeihilfen an kleine und mittlere Unternehmen der gewerblichen Wirtschaft	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Is-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà	
Il-forma tal-għajnuna	Sussidju fuq l-imgħax, Garanzija, Maħfra tad-dejn, Self f'imgħax favorevoli	
L-estimi	Baġit globali: EUR 30 (f'miljuni) Baġit annwali: EUR 15 (f'miljuni)	
L-intensità	80 %	
It-tul ta' żmien	1.1.2013-31.12.2014	
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Bremer Aufbau-Bank GmbH Langenstraße 2-4 28195 Bremen DEUTSCHLAND	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	18.2.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35655 (12/N)	
Stat Membru	L-Italja	
Reġjun	Lombardia, Veneto	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Aiuto al salvataggio di FORM SpA in AS	
Il-bażi legali	A. D.L. 30.1.1979, n. 26 (convertito in L. 3.4.1979, n. 95), Provvedimenti urgenti per l'amministrazione straordinaria di grandi imprese in crisi (cfr. art. 2-*bis*); B. D.M. 23.12.2004, n. 319, Regolamento recante le condizioni e le modalità di prestazione della garanzia statale sui finanziamenti a favore delle grandi imprese in stato di insolvenza, ai sensi dell'art. 101 del D. Lgs. 8 luglio 1999, n. 270; C. D.L. 23.12.2003, n. 347 (convertito in L. 18.2.2004, n. 39), Misure urgenti per la ristrutturazione industriale di grandi imprese in stato di insolvenza; D. D. LGS. 8.7.1999, n. 270, Nuova disciplina delle grandi imprese in stato di insolvenza, a norma dell'art. 1 della legge 30 luglio 1998, n. 274.	
It-tip tal-miżura	Għajnuna individwali	FORM SpA in AS
L-għan	Is-salvataġġ ta' impriżi f'diffikultà	
Il-forma tal-għajnuna	Garanzija	
L-estimi	Baġit globali: EUR 24 (f'miljuni)	
L-intensità	100 %	
It-tul ta' żmien	1.5.2013-31.10.2013	
Setturi ekonomiċi	Tidwib ta' metalli ħfief	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Ministero dello Sviluppo Economico Via Veneto 33 00187 Roma RM ITALIA	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

Data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni	6.3.2013	
In-numru ta' referenza tal-għajnuna	SA.35701 (12/N)	
Stat Membru	Il-Finlandja	
Reġjun	—	—
Titolu (u/jew isem tal-benefiċjarju)	Short-term export-credit insurance scheme	
Il-bażi legali	Act on the State's Export Credit Guarantees (422/2001)	
It-tip tal-miżura	Skema	—
L-għan	Assigurazzjoni ta' kreditu tal-esportazzjoni	
Il-forma tal-għajnuna	Assigurazzjoni ta' kreditu tal-esportazzjoni	
L-estimi	—	
L-intensità	—	
It-tul ta' żmien	sal-31.12.2015	
Setturi ekonomiċi	Is-setturi kollha ekonomiċi eliġibbli biex jirċievu l-għajnuna	
Isem u indirizz tal-awtorità responsabbli mill-għajnuna	Finnvera plc Eteläesplanadi 8 FI-00101 Helsinki SUOMI/FINLAND	
Aktar informazzjoni	—	

It-test tad-deċiżjoni fil-lingwa jew lingwi awtentika/awtentiċi, li minnu tneħħew il-partijiet kunfidenzjali kollha, jinsab fuq is-sit:

http://ec.europa.eu/competition/elojade/isef/index.cfm

III

(Atti preparatorji)

IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tas-7 ta' Jannar 2013

dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi faċilità biex tingħata għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro

(CON/2013/2)

(2013/C 96/03)

Introduzzjoni u bażi legali

Fid-19 ta' Lulju 2012, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi faċilità biex tingħata għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro ([1]) (iktar 'il quddiem ir-"regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress li r-regolament propost fih dispożizzjonijiet li jaqgħu taħt l-oqsma ta' kompetenza tal-BĊE. B'mod partikolari, il-BĊE jamministra l-għajnuna lill-Istati Membri li l-munita tagħhom mhix l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro") taħt il-faċilità preżenti, stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 332/2002 ([2]), u jkollu rwol fil-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-amministrazzjoni ta' għajnuna finanzjarja taħt ir-regolament propost. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

1. *Osservazzjonijiet ġenerali*

Ir-regolament propost huwa maħsub biex jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 332/2002 sabiex tiġi stabbilita għajnuna finanzjarja għal perjodu ta' żmien medju għal Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro taħt kundizzjonijiet aktar flessibbli u bil-għan li jiġu żgurati aktar kundizzjonijiet ugwali bejn iż-żona tal-euro u l-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro, bħala tweġiba għall-kriżi finanzjarja preżenti. Ir-regolament propost jintroduċi strumenti u proċeduri simili għal dawk diġà żviluppati għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja lil Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (minn hawn 'il quddiem "Stati Membri fiż-żona tal-euro"). Waqt li r-Regolament (KE) Nru 332/2002 (wara l-aħħar emenda tiegħu) kien jipprovdi espliċitament biss għal għajnuna finanzjarja għal perjodu ta' żmien medju fil-forma ta' self lill-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro li jkun marbut mal-kundizzjoni li jiġu adottati programmi ta' aġġustament, ir-regolament propost jagħmel disponibbli żewġ strumenti ta' finanzjament addizzjonali: linja ta' kreditu kkundizzjonata u kawtelatorja (precautionary conditioned credit line – PCCL) u linja ta' kreditu b'kundizzjonijiet imtejba (enhanced conditions credit line – ECCL). Tabilħaqq, il-PCCL u l-ECCL huma fost l-istrumenti li jistgħu jintużaw biex tingħata għajnuna lill-Istati Membri fiż-żona tal-euro. Il-limitu tal-għajnuna finanzjarja għal perjodu ta' żmien medju li tista' tingħata taħt ir-regolament propost baqa' l-istess bħal dak taħt ir-Regolament (KE) Nru 332/2002, jiġifieri EUR 50 biljun.

Il-BĊE jifhem li sakemm jasal iż-żmien li jiġi rrevokat ir-Regolament (UE) Nru 407/2010 li jistabbilixxi Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ([3]), l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri

([1]) COM(2012) 336 finali.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1).

([3]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

mhux fiż-żona tal-euro tista' sseħħ taħt ir-Regolament (UE) Nru 407/2010 jew taħt ir-regolament propost. Huwa għalhekk jilqa' l-isforz biex jiġu stabbiliti strumenti li jkunu kemm jista' jkun identiċi għall-Istati Membri fiż-żona tal-euro u dawk li mhumiex u jilqa' wkoll l-isforz biex jiġu sinkronizzati l-proċeduri għall-għoti ta' dik l-għajnuna. Meta jitqies il-fatt li l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM – European Financial Stabilisation Mechanism) mhuwiex ser jitkompla [1] fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà, jista' jkun ta' benefiċċju li jiġi ċċarat jekk xi għajnuna li tista' tingħata lil Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro taħt ir-Regolament (UE) Nru 407/2010 tkunx irregolata mir-regolament propost wara li jitwaqqaf l-EFSM.

2. ***Osservazzjonijiet speċifiċi***

2.1. Il-BĊE jieħu nota tal-introduzzjoni ta' linji ta' kreditu li jippermettu għajnuna għal Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro li l-qagħda ekonomika u finanzjarja tagħhom tkun fundamentalment soda [2]. Il-BĊE jikkunsidra li l-għoti tal-linji ta' kreditu huwa kumpatibbli mal-Artikolu 143 tat-Trattat, li jipprevedi l-possibbiltà tal-Unjoni li tintervjeni mhux biss meta Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro jkollu diffikultajiet, iżda wkoll meta jkun "mhedded b'mod serju b'diffikultajiet" fir-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti tiegħu, meta dawk id-diffikultajiet potenzjali aktarx li jkunu ser jipperikolaw b'mod partikolari l-funzjonament tas-suq intern. Fl-istess ħin, il-BĊE jikkunsidra li hija importanti ħafna interpretazzjoni stretta tal-kriterji ta' eliġibbiltà meta jiġi evalwat l-aċċess għal-linji ta' kreditu, u konformità stretta magħhom maż-żmien. Huwa tabilħaqq essenzjali li jiġi evitat aġir li jkun ta' periklu morali mill-benefiċċjarji ta' dawn il-linji ta' kreditu. Bħal ma jiġri fil-każ ta' Stati Membri fiż-żona tal-euro, dan ser jinvolvi sforz partikolari mill-partijiet relevanti kollha.

2.2. Fir-rigward tal-irwol tal-BĊE u tal-Eurosistema, ir-regolament propost fih dispożizzjonijiet simili fir-rigward tal-amministrazzjoni tal-għajnuna finanzjarja, rispettivament il-ftuħ u l-użu ta' kontijiet mal-Bank Ċentrali Nazzjonali (BĊN) tal-Istat Membru relevanti u tal-BĊN rispettiv mal-BĊE. F'dan ir-rigward, il-BĊE jifhem li taħt ir-regolament propost huwa għandu jaġixxi bħala aġent fiskali, skont l-Artikolu 21.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u li ebda finanzjament mis-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali ma jkun mistenni, b'mod konformi mal-projbizzjoni ta' finanzjament monetarju stabbilita fl-Artikolu 123 tat-Trattat. Għalhekk, il-BĊE jtenni li l-kontijiet li għandhom jintużaw għall-ġestjoni ta' din l-għajnuna finanzjarja fil-BĊNi u fil-BĊE mhumiex ser jipprovdu għall-possibbiltà ta' overdraft [3].

2.3. Ir-regolament propost jistabbilixxi, minbarra l-amministrazzjoni tas-self u l-linji ta' kreditu, parteċipazzjoni usa' mill-BĊE f'każijiet ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea lil Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro milli huwa preżentament il-każ taħt ir-Regolament (KE) Nru 332/2002. Għalkemm dan tal-aħħar jillimita l-irwol tal-BĊE għall-amministrazjzoni tas-self, il-BĊE ilu jipparteċipa bħala osservatur fil-missjonijiet lill-Istati Membri barra ż-żona tal-euro li jirċievu għajnuna finanzjarja taħt ir-Regolament (KE) Nru 332/2002. Ir-Regolament propost jieħu f'kunsiderazzjoni dan il-fatt u jissuġġerixxi, fost affarijiet oħrajn, li l-BĊE jista' jikkoopera mal-Kummissjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà tad-dejn ġenerali tal-gvern u l-ħtiġijiet preżenti jew potenzjali għal finanzjament, it-tħejjija ta' programmi ta' aġġustament makroekonomiku, il-monitoraġġ tal-progress tagħhom permezz ta' missjonijiet regolari, u sorveljanza mtejba meta jingħata ECCL jew jinġibed PCCL. Barra minn hekk, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet jintalab l-involviment tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI). Taħt ir-Regolament (KE) Nru 332/2002, dawn l-attivitajiet fil-kuntest ta' għajnuna finanzjarja għal perjodu ta' żmien medju għal skopijiet ta' bilanċ ta' ħlasijiet ġew assenjati lill-Kummissjoni weħidha. L-irwol tal-BĊE u tal-FMI taħt ir-regolament propost jidher li jirrifletti, fil-parti l-kbira, is-sistema fis-seħħ għal Stati Membri fiż-żona tal-euro taħt l-EFSM, il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (European Financial Stability Facility – EFSF) u l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (European Stability Mechanism – ESM). Peress li l-BĊE mhuwiex l-awtorità monetarja tal-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro, il-BĊE jixtieq jiddistingwi bejn l-involviment tiegħu fir-rigward ta' Stati Membri mhux fiż-żona tal-euro u l-involviment tiegħu fir-rigward ta' Stati Membri fiż-żona tal-euro, u jinnota li l-irwol tiegħu fil-kooperazzjoni proposta mal-Kummissjoni ser ikollu jiġi organizzat fi ħdan il-mandat tiegħu u b'rispett għall-indipendenza tiegħu.

(1) Ara l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-16-17 ta' Diċembru 2010; http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/118578.pdf

(2) Artikolu 4 tar-regolament propost.

(3) Ara t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Opinjoni CON/2009/37 tal-20 ta' April 2009 fuq proposta għal Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 332/2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU C 106, 8.5.2009, p. 1).

2.4. Il-BĊE josserva li, fl-evalwazzjoni tiegħu tat-twettiq tal-kriterji ta' konverġenza stipulati fl-Artikolu 140 tat-Trattat u li dwarhom jingħataw aktar dettalji fi Protokoll mehmuż mat-Trattat, huwa ser ikompli jieħu f'kunsiderazzjoni l-implikazzjonijiet ta' appoġġ għall-bilanċ tal-ħlasijiet internazzjonali u għajnuna għal-likwidità għall-evalwazzjoni tal-istabbiltà tar-rata tal-kambju, b'mod partikolari għall-muniti li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu tar-rata tal-kambju II, ERM II. Dan ser ikompli jkun il-każ fil-futur u b'hekk ser japplika wkoll għal kull għajnuna mogħtija taħt ir-regolament propost.

2.5. Il-BĊE jinnota li l-istabbiliment tar-regolament propost ma jistax ikollu implikazzjonijiet għall-funzjonament ta' ERM II fit-tielet stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja, li ser tkun tibqa' tkun irregolata mill-qafas legali eżistenti ([1]).

Fejn il-BĊE jirrakkomanda li r-Regolamenti proposti jiġu emendati, proposti ta' abbozzar speċifiċi jingħataw fl-Anness flimkien ma' test spjegattiv f'dan ir-rigward.

Magħmul fi Frankfurt am Main, is-7 ta' Jannar 2013.

Il-President tal-BĊE

Mario DRAGHI

([1]) Ftehim tas-16 ta' Marzu 2006 bejn il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri barra miż-żona tal-euro li jistabbilixxi l-proċeduri operattivi għal mekkaniżmu tar-rata tal-kambju fl-istadju tlieta tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja (ĠU C 73, 25.3.2006, p. 21).

ANNESS

Proposti ta' abbozzar

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE [1]
Emenda 1 Artikolu 3(2), (3), (7) u (8) u Artikolu 5(2)	
"*Artikolu 3*	"*Artikolu 3*
2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'kooperazzjoni mal-BĊE u kulfejn possibbli mal-FMI, is-sostenibbiltà tad-dejn ġenerali tal-Gvern u l-ħtiġijiet finanzjarji attwali jew potenzjali tal-Istat Membru konċernat u tressaq din il-valutazzjoni lill-KEF.	2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'kooperazzjoni mal-BĊE u kulfejn ~~possibbli~~ **xieraq**, mal-FMI, is-sostenibbiltà tad-dejn ġenerali tal-Gvern u l-ħtiġijiet finanzjarji attwali jew potenzjali tal-Istat Membru konċernat u tressaq din il-valutazzjoni lill-KEF.
3. L-Istat Membru konċernat għandu jipprepara bi ftehim mal-Kummissjoni, li taġixxi b'kooperazzjoni mal-BĊE u kulfejn possibbli mal-FMI, abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li jkun fih rekwiżiti politiċi u mmirat lejn li terġa' tiġi stabbilita pożizzjoni sostenibbli tal-bilanċ tal-pagamenti u li tiġi rrestawrata l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ. L-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istat Membru konċernat skont l-Artikoli 121, 126 u 148 tat-Trattat – u l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma magħhom – filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-mizuri politiċi meħtieġa.	3. L-Istat Membru konċernat għandu jipprepara bi ftehim mal-Kummissjoni, ~~li taġixxi b'kooperazzjoni mal-BĊE~~ **waqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-BĊE, jekk il-BĊE jiddeċiedi li jagħti parir f'dan ir-rigward**, u kulfejn ~~possibbli~~ **ikun xieraq, b'kollaborazzjoni** mal-FMI, abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li jkun fih rekwiżiti politiċi u mmirat lejn li terġa' tiġi stabbilita pożizzjoni sostenibbli tal-bilanċ tal-pagamenti u li tiġi rrestawrata l-kapaċità tiegħu li jiffinanzja lilu nnifsu fis-swieq finanzjarji bis-sħiħ. L-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istat Membru konċernat skont l-Artikoli 121, 126 u 148 tat-Trattat – u l-azzjonijiet tiegħu biex jikkonforma magħhom – filwaqt li jimmira lejn it-twessigħ, it-tisħiħ u l-approfondiment tal-mizuri politiċi meħtieġa. **Fejn l-Istat Membru kkonċernat huwa Stat Membru li l-munita tiegħu qed tipparteċipa fl-ERM II, l-impenji taħt l-ERM II għandhom jiġu kkunsidrati.**
[…]	[…]
7. Il-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE u fejn relevanti, l-FMI għandha timmonitorja l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku permezz ta' missjonijiet ta' analiżi regolari. Għandha tinforma lill-KEF fuq bażi trimestrali. L-Istat Membru konċernat għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni u l-BĊE. Partikolarment għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-BĊE bl-informazzjoni kollha li jqisu neċessarja għall-monitoraġġ tal-programm. L-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu wkoll l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(2).	7. Il-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE u fejn ~~relevanti~~ **xieraq**, l-FMI għandha timmonitorja l-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku permezz ta' missjonijiet ta' analiżi regolari. Għandha tinforma lill-KEF fuq bażi trimestrali. L-Istat Membru konċernat għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-Kummissjoni u l-BĊE. Partikolarment għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-BĊE bl-informazzjoni kollha li jqisu neċessarja għall-monitoraġġ tal-programm. L-Istat Membru kkonċernat għandu jkollu wkoll l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6(2).
8. Il-Kummissjoni – b'kooperazzjoni mal-BĊE u kull fejn possibbli mal-FMI – għandha teżamina mal-Istat Membru konċernat il-bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu japprova kwalunkwe bidla li ssir fil-programm.	8. Il-Kummissjoni – ~~b'kooperazzjoni mal-BĊE~~ **waqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-BĊE, jekk il-BĊE jiddeċiedi li jagħti parir f'dan ir-rigward**, u kulfejn ~~possibbli~~ **ikun xieraq, b'kollaborazzjoni mal-**FMI – għandha teżamina mal-Istat Membru konċernat il-bidliet li jistgħu jkunu meħtieġa fil-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu japprova kwalunkwe bidla li ssir fil-programm.

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE [1]
Artikolu 5	*Artikolu 5*
2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'kooperazzjoni mal-BĊE u kulfejn possibbli mal-FMI, is-sostenibbiltà tad-dejn ġenerali tal-Gvern u l-ħtiġijiet finanzjarji attwali jew potenzjali tal-Istat Membru konċernat u tressaq din il-valutazzjoni lill-KEF."	2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'kooperazzjoni mal-BĊE u kulfejn ~~possibbli~~ **xieraq** mal-FMI, is-sostenibbiltà tad-dejn ġenerali tal-Gvern u l-ħtiġijiet finanzjarji attwali jew potenzjali tal-Istat Membru konċernat u tressaq din il-valutazzjoni lill-KEF."

Spjegazzjoni

Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju fir-rigward tal-irwol tal-FMI, huwa meħtieġ li tintuża terminoloġija konsistenti f'kull parti tar-Regolament propost. Barra minn hekk, ir-Regolament propost għandu jibqa' konsistenti ma' strumenti legali kumparabbli oħrajn li jipprovdu għal għajnuna finanzjarja mill-Unjoni u mhux mill-Unjoni, eż. Ir-Regolament (UE) Nru 407/2010, il-Ftehim ta' Qafas tal-EFSF u t-Trattat dwar l-ESM.

It-tħassir ta' "li taġixxi b'kooperazzjoni mal-BĊE" fl-Artikolu 3(3) u "b'kooperazzjoni mal-BĊE" fl-Artikolu 3(8) u l-inseriment ta' "waqt li tieħu f'kunsiderazzjoni l-fehmiet tal-BĊE, jekk il-BĊE jiddeċiedi li jagħti parir f'dan ir-rigward" fiż-żewġ paragrafi huma mmirati biex jirriflettu li l-BĊE għandu jkollu inqas involvement fit-tħejjija tal-programmi ta' aġġustament. Waqt li l-kumplament tat-test propost mill-Kunsill jipprovdi biex il-BĊE jkollu rwol li jista' jiġi deskritt bħala li huwa aktar ta' natura superviżorja, l-irwol tal-BĊE fl-Artikoli 3(3) u 3(8) għandu jkun dak ta' istituzzjoni li tiżviluppa programm ta' aġġustament ekonomiku. Il-BĊE jidhirlu li mhuwiex xieraq li jassumi rwol bħal dak għal Stat Membru mhux fiż-żona tal-euro peress li hija l-bank ċentrali nazzjonali ta' dak l-Istat Membru li huwa inkarigat mill-politika monetarja f'dak l-Istat Membru. Il-BĊE b'hekk m'għandux jinterferixxi fit-teħid ta' deċiżjonijiet indipendenti minn dak il-bank ċentrali nazzjonali billi jikkontribwixxi għal programm ta' aġġustament ekonomiku.

Emenda 2

Artikolu 3(11) and (12)

"11. Fejn l-Istat Membru konċernat jesperjenza nuqqas ta' kapaċità amministrattiva jew problemi sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-programm tiegħu, għandu jfittex assistenza teknika mill-Kummissjoni li tista' tikkostitwixxi għal dan il-għan gruppi ta' esperti mal-Istati Membri u istituzzjonijiet Ewropej u/jew internazzjonali rilevanti oħra. Assistenza teknika tista' tinkludi l-istabbiliment ta' persunal rappreżentattiv u ta' sostenn residenzjali biex jagħti pariri lill-awtoritajiet dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament.	"11. Fejn l-Istat Membru konċernat jesperjenza nuqqas ta' kapaċità amministrattiva jew problemi sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-programm tiegħu **ta' aġġustament makro-ekonomiku**, għandu jfittex assistenza teknika mill-Kummissjoni li tista' tikkostitwixxi għal dan il-għan gruppi ta' esperti mal-Istati Membri u istituzzjonijiet Ewropej u/jew internazzjonali rilevanti oħra. Assistenza teknika tista' tinkludi l-istabbiliment ta' persunal rappreżentattiv u ta' sostenn residenzjali biex jagħti pariri lill-awtoritajiet dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament.
12. Il-Kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru konċernat biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament."	12. Il-Kumitat relevanti tal-Parlament Ewropew jista' joffri l-opportunità lill-Istat Membru konċernat biex jipparteċipa fi skambju ta' fehmiet dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-programm ta' aġġustament **makro-ekonomiku**."

Spjegazzjoni

Sabiex jiġi evitat kwalunkwe dubju dwar in-natura tal-programm imsemmi u għal raġunijiet ta' konsistenza, huwa ssuġġerit li dan jissejjaħ "programm ta' aġġustament makro-ekonomiku" fit-test kollu tar-Regolament.

Emenda 3

Artikolu 3(10)

"10. L-aktar tard fi żmien sitt xhur wara d-deċiżjoni prevista fil-paragrafu 9, il-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jerġa' jibda l-iżborż jekk iqis li l-Istat Membru konċernat jissodisfa t-termini miftiehma tal-għajnuna finanzjarja. Fejn deċiżjoni bħal din ma tkunx ġiet adottata qabel din l-iskadenza, ma għandux isir aktar żborż ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni skont dan ir-Regolament."	"10. L-aktar tard fi żmien sitt xhur wara d-deċiżjoni prevista fil-paragrafu 9, il-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jerġa' jibda l-iżborż jekk iqis li l-Istat Membru konċernat jissodisfa t-termini miftiehma tal-għajnuna finanzjarja. Fejn deċiżjoni bħal din ma tkunx ġiet adottata qabel din l-iskadenza, ma għandux isir aktar żborż ta**l**-għajnuna finanzjarja **miftiehma** mill-Unjoni skont dan ir-Regolament."

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE [1]

Spjegazzjoni

L-għan ta' dan is-suġġeriment huwa biex jiġi ċċarat li d-dispożizzjoni mhijiex maħsuba biex tipprekludi aċċess għal għajnuna finanzjarja ġdida, li tista' tkun meħtieġa pereżempju minħabba ċerti żviluppi lil hinn mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 4

Artikolu 4(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE
"1. L-aċċess għal PCCL għandu jkun limitat għal Stati Membri li l-qagħda ekonomika u finanzjarja tagħhom tkun għadha fundamentalment soda."	"1. L-aċċess għal PCCL għandu jkun limitat għal Stati Membri li l-qagħda ekonomika u finanzjarja tagħhom ~~tkun għadha~~ **tibqa'** fundamentalment soda."

Spjegazzjoni

L-emenda proposta hija maħsuba biex tiċċara li jista' jkollhom aċċess għall-PCCL biss dawk l-Istati Membri li l-qagħda tagħhom tibqa' fundamentalment soda u li ma tkunx ser tinbidel f'qasir żmien. Il-bidla proposta hija mmirata biex tiżgura li d-devjazzjoni mit-terminoloġija użata s'issa taħt il-qafas legali tal-EFSF/ESM ma tinftiehemx li timplika bidla materjali.

Emenda 5

Artikolu 5(5)

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE
"5. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jikkonkludu MtQ bid-dettalji tal-kundizzjonijiet marbuta mal-linja ta' kreditu."	"5. Il-Kummissjoni u l-Istat Membru konċernat għandhom jikkonkludu MtQ bid-dettalji tal-kundizzjonijiet marbuta mal-linja ta' kreditu. **Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-MtQ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.**"

Spjegazzjoni

Għall-finijiet ta' konsistenza mal-Artikolu 3(6), huwa propost li tiġi pprovduta komunikazzjoni tal-MtQ li tagħti fid-dettall il-kundizzjonijiet mehmuża mal-linja ta' kreditu lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 6

Artikolu 11(1)

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE
"1. L-Istat Membru koncernat għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-quddiem dwar l-intenzjoni tiegħu li jiġbed il-fondi mil-linja ta' kreditu tiegħu mill-inqas 45 jum kalendarju minn qabel."	"1. L-Istat Membru koncernat għandu jinforma lill-Kummissjoni **u lill-BĊE** bil-quddiem dwar l-intenzjoni tiegħu li jiġbed il-fondi mil-linja ta' kreditu tiegħu mill-inqas 45 jum kalendarju minn qabel."

Spjegazzjoni

Peress li l-BĊE huwa allokat ċerti responsabbiltajiet fir-rigward tal-amministrazzjoni tas-self, huwa għandu jiġi infurmat fl-istess ħin bħall-Kummissjoni dwar l-intenzjoni tal-Istat Membru li jiġbed fondi mil-linja ta' kreditu tiegħu.

Emenda 7

Artikolu 12(3)

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE
"3. Ġaladarba tkun ittieħdet deċiżjoni mill-Kunsill dwar self, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tissellef mis-swieq kapitali jew mill-istituzzjonijiet finanzjarji fiż-żmien l-aktar xieraq bejn l-iżborżi ppjanati, sabiex tottimizza l-ispiża tal-finanzjament u tippreżerva r-reputazzjoni tagħha bħala l-emittent tal-Unjoni fis-swieq. Il-fondi maħruġa iżda li jkun għadhom ma ġewx żburżati għandhom jinżammu f'kull ħin f'kontijiet apposta ta' flus jew titoli li jiġu trattati skont ir-regoli li japplikaw għal operazzjonijiet lil hinn mill-baġit, u ma jistgħux jintużaw għal għan ieħor għajr dak tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri skont il-mekkaniżmu preżenti."	"3. Ġaladarba tkun ittieħdet deċiżjoni mill-Kunsill dwar self, **jew tkun ġiet riċevuta talba minn Stat Membru biex jinġibdu fondi mil-linja ta' kreditu tiegħu**, il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tissellef mis-swieq kapitali jew mill-istituzzjonijiet finanzjarji fiż-żmien l-aktar xieraq bejn l-iżborżi ppjanati, sabiex tottimizza l-ispiża tal-finanzjament u tippreżerva r-reputazzjoni tagħha bħala l-emittent tal-Unjoni fis-swieq. Il-fondi maħruġa iżda li jkun għadhom ma ġewx żburżati għandhom jinżammu f'kull ħin f'kontijiet apposta ta' flus jew titoli li jiġu trattati skont ir-regoli li japplikaw għal operazzjonijiet lil hinn mill-baġit, u ma jistgħux jintużaw għal għan ieħor għajr dak tal-għoti ta' għajnuna finanzjarja lill-Istati Membri skont il-mekkaniżmu preżenti."

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE [1]

Spjegazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi estiż l-ambitu tal-Artikolu 12(3) sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tissellef mis-swieq kapitali jew minn istituzzjonijiet finanzjarji fl-aktar ħin xieraq fil-kuntest ta' kull tip ta' għajnuna finanzjarja, inkluż jekk Stat Membru jiddeċiedi li jiġbed fondi mil-linja ta' kreditu tiegħu.

Emenda 8

Artikolu 14(2) Amministrazzjoni tas-selfiet **u linji ta' kreditu**

"2. L-Istat Membru konċernat għandu jiftaħ kont speċjali mal-Bank Ċentrali Nazzjonali tiegħu għall-ġestjoni tal-għajnuna finanzjarja li jirċievi mill-Unjoni. Għandu jittrasferixxi wkoll il-kapital u l-imgħax dovuti fuq is-self f'kont mal-BĊE, fi żmien l-erbatax-il jum ta' negozju TARGET2 tal-BĊE qabel id-data tal-għeluq korrispondenti."	"2. L-Istat Membru konċernat għandu jiftaħ kont speċjali mal-Bank Ċentrali Nazzjonali tiegħu għall-ġestjoni tal-għajnuna finanzjarja li jirċievi mill-Unjoni. **Il-bank ċentrali tal-Istat Membru kkonċernat għandu jiftaħ kont speċjali mal-BĊE. L-Istat Membru** ~~It~~ għandu, **permezz tal-kont miftuħ mal-bank ċentrali tiegħu**, jittrasferixxi wkoll il-kapital u l-imgħax dovuti fuq is-self **jew linja ta' kreditu** ~~f'~~**lill**-kont **rispettiv** mal-BĊE, fi żmien l-erbatax-il jum ta' negozju TARGET2 tal-BĊE qabel id-data tal-għeluq korrispondenti."

Spjegazzjoni

Huwa ċċarat li l-Istat Membru nnifsu ma għandux kont mal-BĊE; minflok il-bank ċentrali tal-Istat Membru kkonċernat jiftaħ kont mal-BĊE f'isem dak l-Istat Membru. Huwa ssuġġerit ukoll li jiġi ċċarat li l-amministrazzjoni tirrigwarda mhux biss selfiet, iżda wkoll linji ta' kreditu peress li dawn jikkostitwixxu strumenti ta' finanzjament differenti u jkunu jeħtieġu l-ftuħ ta' kont mal-BĊE.

[1] Il-grassett fit-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jiddaħħal test ġdid. Fejn it-test huwa ingassat, dan jindika li l-BĊE qiegħed jipproponi tħassir tat-test.

OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-11 ta' Jannar 2013

dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet

(CON/2013/4)

(2013/C 96/04)

Introduzzjoni u bażi legali

Fid-19 ta' Settembru 2012 il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Parlament Ewropew għal opinjoni dwar proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) fir-rigward tal-funzjonijiet tad-depożitarji, il-politiki tar-remunerazzjoni u s-sanzjonijiet ([1]) (id-"direttiva proposta").

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni dwar id-direttiva proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 127(4) u 282(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, billi d-direttiva proposta fiha dispożizzjonijiet li jeffettwaw il-kontribut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) għat-tmexxija bla xkiel tal-politika dwar is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja mill-awtoritajiet kompetenti taħt l-Artikolu 127(5) tat-Trattat. B'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

Osservazzjonijiet ġenerali

Il-BĊE b'mod ġenerali jilqa' d-direttiva proposta, li għandha l-għan li ssaħħaħ il-qafas tal-UCITS speċifikament fir-rigward ta': (i) politiki u prattiċi tar-remunerazzjoni tal-maniġment superjuri, dawk li jieħdu r-riskji u dawk li jeżerċitaw funzjonijiet ta' kontroll; (ii) ir-regoli dwar il-ħatra tad-depożitarji għall-fondi UCITS u t-twettiq tal-funzjonijiet tad-depożitarji, inkluż ir-reġim tar-responsabbiltà relat; u (iii) ir-reġim għal sanzjonijiet u miżuri amministrattivi. Il-BĊE iqis illi r-regoli l-ġodda jistgħu jkollhom rwol importanti fil-prevenzjoni tal-prattiċi ħżiena u t-tisħiħ tal-kunfidenza tal-investituri. Il-BĊE jinnota illi t-tisħiħ propost tal-qafas UCITS huwa miżura f'waqtha minħabba t-tisħiħ li diġà nkiseb fir-regolamentazzjoni tal-maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi permezz tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 ([2]) (minn hawn 'il quddiem id-"direttiva AIFM").

Osservazzjonijiet speċifiċi

1. *Użu mill-ġdid ta' assi minn depożitarju UCITS*

   Il-BĊE iqis illi d-direttiva proposta għandha tipprojbixxi b'mod espliċitu lil depożitarju UCITS jew lil kull parti li lilha ġiet iddelegata l-kustodja ta' fond UCITS milli jerġgħu jużaw l-assi taħt il-maniġment tagħhom għalihom stess. Dawn il-prattiċi jistgħu jpoġġu lil investituri f'pożizzjoni ta' riskju, kif ukoll jiskattaw riskji relevanti minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja, minħabba l-*leverage* li jirriżulta minn dawn il-prattiċi. F'dan il-kuntest, il-BĊE iqis illi l-qafas UCITS jeħtieġ li jkun aktar strett f'dan ir-rigward mid-direttiva AIFM, li tippermetti l-użu mill-ġdid ta' assi bil-kundizzjoni li qabel ikun ingħata l-kunsens tal-maniġers ta' fond. Dan huwa ġġustifikat mill-fatt illi l-prodotti UCITS jitqassmu b'mod wiesa' lil investituri fil-livell ta' konsumatur, filwaqt li fondi mmaniġġati taħt id-Direttiva AIFM huma ġeneralment riżervati għal investituri professjonali.

([1]) KUMM(2012) 350 finali.

([2]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1. Ara l-Opinjoni tal-BĊE CON/2009/81 tas-16 ta' Ottubru 2009 dwar proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattiv u li temenda d-Direttivi 2004/39/KE u 2009/…/KE (ĠU C 272, 13.11.2009, p. 1). L-opinjonijiet kollha tal-BĊE huma ppubblikati fil-websajt tal-BCE fuq http://www.ecb.europa.eu

2. *Delega*

Id-direttiva proposta tawtorizza lil depożitarju biex jiddelega l-kompiti ta' salvagwardja lil sottokustodju taħt ċerti kundizzjonijiet li, skont il-memorandum spjegattiv, huma allinjati ma' dawk applikabbli taħt id-Direttiva AIFM. F'dan ir-rigward, il-BĊE iqis illi l-protezzjoni ta' investituri fil-livell ta' konsumatur teħtieġ regoli aktar stretti għal depożitarji UCITS milli għal depożitarji maħtura minn maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi. B'mod partikolari, fil-każijiet kollha d-delega minn depożitarju UCITS lil sotto-kustodju li jinsab barra mill-Unjoni Ewropea għandha tkun soġġetta għal salvagwardji xierqa, bħal ma huma r-rekwiżiti minimi tal-kapital u s-superviżjoni effettiva fil-pajjiż ikkonċernat. Finalment, hija meħtieġa reviżjoni fir-rigward taż-żamma tal-eċċezzjonijiet li jawtorizzaw lil entitajiet f'pajjiżi terzi biex jaqdu l-funzjoni ta' sottokustodju ta' depożitarju UCITS, minkejja illi entitajiet bħal dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti għall-għoti ta' delega stipulati mil-liġi tal-Unjoni.

3. *Eliġibbiltà għal attività bħala kustodju UCITS*

Il-BĊE jappoġġa l-introduzzjoni ta' kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà skont liema huma biss l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment li jistgħu jaġixxu bħala depożitarji UCITS. Dan ser inaqqas ir-riskju li investituri jiġu iffrodati bħala riżultat tal-ħatra ta' depożitarju UCITS li mhuwiex suġġett għal livell xieraq ta' regolamentazzjoni u superviżjoni. Barra minn dan, għandu jkun ivvalutat aktar jekk ir-reġim propost għar-rekwiżiti kapitali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment [1] jipprovdix salvagwardji xierqa fir-rigward tat-twettiq tal-funzjonijiet ta' depożitarju UCITS, minħabba l-firxa u l-kumplessità tal-UCITS li għalihom jitwettqu dwar il-funzjonijiet u r-riskji ta' responsabbiltà ġġenerati minn dawn il-funzjonijiet.

4. *Responsabbiltà*

Il-BĊE iqis illi l-"avvenimenti esterni lil hinn … mill-kontroll raġonevoli" [2] li jiskattaw il-possibbiltà għal depożitarju biex ma jassumix ir-responsabbiltà stipulata f'kuntratt għandhom jiġu speċifikati fl-atti ddelegati tal-Kummissjoni b'mod dettaljat, billi ssir referenza għall-kategoriji ta' assi li jistgħu jitqiesu bħala mitlufa minħabba avvenimenti esterni bħal dawn u għat-tipi speċifiċi ta' avvenimenti previsti.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda illi tiġi emendata d-direttiva proposta, għal dan il-għan qed jiġu stipulati fl-Anness proposti speċifiċi tal-abbozzar flimkien ma' test spjegattiv.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Jannar 2013.

Il-Viċi President tal-BĊE
Vítor CONSTÂNCIO

---

(1) Ara l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiert ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' investiment f'konglomerat finanzjarju (KUMM(2011) 453 finali) u l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (KUMM(2011) 452 finali).

(2) Ara punt (f) tal-Artikolu 26b tad-Direttiva 2009/65/KE imdaħħal minn Artikolu 1(8) tad-direttiva proposta.

ANNESS

Proposti tal-abbozzar

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE [1]
Emenda 1	
Artikolu 1(3)	
"(3) L-Artikolu 22 huwa mibdul b' li ġej:	"(3) L-Artikolu 22 huwa mibdul b' li ġej:
'*Artikolu 22*	'*Artikolu 22*
…	…
5. L-assi tal-UCITS għandhom jiġu fdati għand id-depożitarju għas-salvagwardja kif ġej:	5. L-assi tal-UCITS għandhom jiġu fdati għand id-depożitarju għas-salvagwardja kif ġej:
(a) …	(a) …
(b) …	(b) …
…	**5a. Strumenti finanzjarji u assi oħra miżmumin f'kustodja m'għandhomx jerġgħu jintużaw permezz ta' rbit jew trasferiment li jsir f'ismu mid-depożitarju jew minn xi parti oħra li lilhom tkun ġiet iddelegata l-funzjoni ta' kustodja, bil-penali li jiġu invalidati d-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jawtorizzaw l-użu mill-ġdid.**
	…
7. Id-depożitarju ma għandux jiddelega l-funzjonijiet tiegħu kif imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 lil partijiet terzi.	7. Id-depożitarju ma għandux jiddelega l-funzjonijiet tiegħu kif imsemmija fil-paragrafi 3 u 4 lil partijiet terzi.
…	…
Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 jistgħu jiġu ddelegati mid-depożitarju lil parti terza biss jekk f'kull ħin matul it-twettiq tal-kompiti ddelegati lilha:	Il-funzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 jistgħu jiġu ddelegati mid-depożitarju lil parti terza biss jekk f'kull ħin matul it-twettiq tal-kompiti ddelegati lilha:
(a) ikollha strutturi u kompetenza li huma adegwati u proporzjonati man-natura u l-kumplessità tal-assi tal-UCITS jew tal-kumpanija tal-immaniġġjar li tkun qed taġixxi f'isem l-UCITS li jkunu ġew fdati lilha;	(a) ikollha strutturi u kompetenza li huma adegwati u proporzjonati man-natura u l-kumplessità tal-assi tal-UCITS jew tal-kumpanija tal-immaniġġjar li tkun qed taġixxi f'isem l-UCITS li jkunu ġew fdati lilha;
(b) għal kompiti tal-kustodja msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 5, tkun soġġetta għal regolamentazzjoni prudenzjali effettiva, inkluż rekwiżiti kapitali minimi, u superviżjoni fil-ġurisdizzjoni konċernata;	(b) għal kompiti tal-kustodja msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 5, tkun soġġetta għal regolamentazzjoni prudenzjali effettiva, inkluż rekwiżiti kapitali minimi, u superviżjoni fil-ġurisdizzjoni konċernata;
…	…
Minkejja l-punt (b) tat-tielet subparagrafu fejn il-liġi ta' pajjiż terz teħtieġ li ċerti strumenti finanzjarji jinżammu f'kustodja minn entità lokali u l-ebda entità lokali ma tissodisfa r-rekwiżiti tad-delega stabbiliti f'dak il-punt, id-depożitarju jista' jiddelega l-funzjonijiet tiegħu lil din l-entità lokali sal-punt meħtieġ mil-liġi tal-pajjiż terz biss u biss sakemm ma jkunx hemm entitajiet lokali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-delega, u biss fejn:	Minkejja l-punt (b) tat-tielet subparagrafu fejn il-liġi ta' pajjiż terz teħtieġ li ċerti strumenti finanzjarji jinżammu f'kustodja minn entità lokali u l-ebda entità lokali ma tissodisfa r-rekwiżiti tad-delega stabbiliti f'dak il-punt, id-depożitarju jista' jiddelega l-funzjonijiet tiegħu lil din l-entità lokali sal-punt meħtieġ mil-liġi tal-pajjiż terz biss u biss sakemm ma jkunx hemm entitajiet lokali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-delega, u biss fejn:
(a) l-investituri tal-UCITS relevanti jiġu infurmati kif dovut li din id-delega hija meħtieġa minħabba l-irbit ġuridiku fil-liġi tal-pajjiż terz u ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw id-delega, qabel l-investiment tagħhom;	(a) l-investituri tal-UCITS relevanti jiġu infurmati kif dovut li din id-delega, **li ma tissodisfax bis-sħiħ ir-rekwiżiti ġenerali ta' delega stipulati fil-liġi tal-Unjoni**, hija meħtieġa minħabba l-irbit ġuridiku fil-liġi tal-pajjiż terz u ċ-ċirkostanzi li jiġġustifikaw id-delega, qabel l-investiment tagħhom;

Test propost mill-Kummissjoni	Emendi proposti mill-BĊE [1]
(b) l-UCITS, jew il-kumpanija tal-immaniġġjar f'isem l-UCITS, tkun tat struzzjonijiet lid-depożitarju biex jiddelega l-kustodja ta' tali strumenti finanzjarji lil tali entità lokali. …' "	(b) l-UCITS, jew il-kumpanija tal-immaniġġjar f'isem l-UCITS, tkun tat struzzjonijiet lid-depożitarju biex jiddelega l-kustodja ta' tali strumenti finanzjarji lil tali entità lokali. …' "

Spjegazzjoni

Il-BĊE iqis illi l-qafas tal-UCITS jeħtieġ li jkun aktar strett mill-qafas previst fid-direttiva AIFM billi m'għandux jippermetti l-użu mill-ġdid ta' assi mid-depożitarju taħt xi kundizzjonijiet. Dan huwa ġġustifikat peress illi: (i) prodotti UCITS huma mqassma b'mod wiesa' lil investituri fil-livell ta' konsumatur; u (ii) l-użu mill-ġdid ta' assi mid-depożitarju jista' jiskatta riskji relevanti minn perspettiva ta' stabbiltà finanzjarja, minħabba l-leverage li jirriżulta minn din il-prattika.

Id-delega minn depożitarju UCITS lil sottokustodju li jinsab barra l-Unjoni għandha idealment tkun soġġetta għall-istess salvagwardji, bħal ma huma r-rekwiżiti kapitali minimi u s-superviżjoni effettiva fil-pajjiż konċernat, kif mitlub mil-liġi tal-Unjoni. Fejn japplikaw eżenzjonijiet, huma għandhom ikunu kkomunikati lil investitur b'mod ċar. F'dan ir-rigward, il-protezzjoni ta' investituri fil-livell ta' konsumatur teħtieġ regoli aktar stretti għal depożitarji UCITS milli għal depożitarji maħtura minn maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi.

Emenda 2

Artikolu 1(8)

"(8) L-Artikoli 26a u 26b li ġejjin għandhom jiġu miżjuda: '*Artikolu 26a* … *Artikolu 26b* 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 112 u soġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 112a u 112b, miżuri li jispeċifikaw: … (f) dak li għandu jiġi mifhum minn avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli, li l-konsegwenzi tagħhom kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra skont l-Artikolu 24(1).' "	"(8) L-Artikoli 26a u 26b li ġejjin għandhom jiġu miżjuda: '*Artikolu 26a* … *Artikolu 26b* 1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta, permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 112 u soġġett għall-kundizzjonijiet tal-Artikoli 112a u 112b, miżuri li jispeċifikaw: … (f) dak li għandu jiġi mifhum minn avvenimenti esterni lil hinn mill-kontroll raġonevoli, li l-konsegwenzi tagħhom kienu jkunu inevitabbli minkejja l-isforzi raġonevoli kollha bil-kontra skont l-Artikolu 24(1), **inkluż tipi speċifiċi ta' avvenimenti bħal dawn u l-kategoriji ta' assi li jistgħu jitqiesu bħala mitlufa minħabba avvenimenti esterni bħal dawn.**' "

Spjegazzjoni

L-'avvenimenti esterni lil hinn… kontroll raġonevoli' li jiskattaw il-possibbiltà għad-depożitarju biex ma jassumix ir-responsabbiltà stipulata f'kuntratt għandhom ikunu speċifikati b'mod dettaljat fl-atti ddelegati tal-Kummissjoni billi ssir referenza għall-kategoriji ta' assi li jistgħu jitqiesu bħala mitlufa minħabba dawn l-avvenimenti esterni u t-tipi speċifiċi ta' atti bħal dawn li huma previsti.

[1] It-tipa skura fil-korp tat-test tindika fejn il-BCE qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi t-tħassir ta' test.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament (1):

0,75 % fl-1 ta' April 2013

Rata tal-kambju tal-euro (2)

It-3 ta' April 2013

(2013/C 96/05)

1 euro =

	Munita	Rata tal-kambju		Munita	Rata tal-kambju
USD	Dollaru Amerikan	1,2828	AUD	Dollaru Awstraljan	1,2237
JPY	Yen Ġappuniż	119,96	CAD	Dollaru Kanadiż	1,3010
DKK	Krona Daniża	7,4535	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,9575
GBP	Lira Sterlina	0,84840	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5198
SEK	Krona Żvediża	8,3258	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,5877
CHF	Frank Żvizzeru	1,2167	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 432,77
ISK	Krona Iżlandiża		ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	11,8463
NOK	Krona Norveġiża	7,4465	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9639
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	HRK	Kuna Kroata	7,6095
CZK	Krona Ċeka	25,828	IDR	Rupiah Indoneżjan	12 504,21
HUF	Forint Ungeriż	302,10	MYR	Ringgit Malażjan	3,9540
LTL	Litas Litwan	3,4528	PHP	Peso Filippin	52,485
LVL	Lats Latvjan	0,7013	RUB	Rouble Russu	40,5150
PLN	Zloty Pollakk	4,1908	THB	Baht Tajlandiż	37,676
RON	Leu Rumen	4,4208	BRL	Real Brażiljan	2,5912
TRY	Lira Turka	2,3205	MXN	Peso Messikan	15,7274
			INR	Rupi Indjan	69,8550

(1) Rata applikata għall-operazzjoni l-iktar reċenti mwettqa qabel il-jum indikat. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, ir-rata tal-interessi hija r-rata marġinali.

(2) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2013/C 96/06)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), in-Noti ta' Spjegazzjoni għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea ([2]) huma emendati kif ġej:

Fil-paġna 116, il-punt 1. tan-Noti ta' Spjegazzjoni għas-sottintestaturi "**2707 99 91 u 2707 99 99 Oħra**" huwa sostitwit bit-test li ġej:

"1. żjut tqal (ħlief dawk mhux raffinati) miksuba mid-distillazzjoni ta' qatran tal-faħam f'temperatura għolja jew prodotti simili għal dawk iż-żjut, sakemm:

(a) inqas minn 65 % bħala volum jiddistilla f'temperatura sa 250 °C permezz tal-metodu EN ISO 3405 ekwivalenti għall-metodu ASTM D 86; u

(b) għandhom indiċi tal-penetrazzjoni tal-labra ta' 400 jew ogħla f'25 °C permezz tal-metodu EN 1426; kif ukoll

(c) għandhom karatteristiċi differenti minn dawk tal-prodotti tal-intestatura 2715 00 00.

Dawn il-prodotti għandhom ġeneralment densità ta' aktar minn 1,000 g/cm^3 fi 15 °C permezz tal-metodu EN ISO 12185.

Prodotti li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti f'(a) sa (c) ta' hawn fuq għandhom ikunu kklassifikati skont il-karatteristiċi tagħhom, pereżempju, is-sottointestaturi 2707 10 10 sa 2707 30 90, 2707 50 10, 2707 50 90, l-intestatura 2708, is-sottointestaturi 2710 19 31 sa 2710 19 99, 2713 20 00 jew l-intestatura 2715 00 00;"

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

IL-PARLAMENT EWROPEW

SEJĦA GĦAN-NOMINAZZJONIJIET GĦALL-ELEZZJONI TAL-OMBUDSMAN EWROPEW

(2013/C 96/07)

Wara li kkunsidra l-Artikoli 24 u 228 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea għall-Enerġija Atomika,

wara li kkunsidra r-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman adottati mill-Parlament Ewropew fid-9 ta' Marzu 1994 ([1]) u, b'mod partikulari, l-Artikolu 6 u l-Artikolu 7 tagħhom, li jinsabu fl-Anness XI għar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew.

wara li kkunsidra l-Artikolu 204 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

billi din l-elezzjoni tal-Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew se tkun għall-bqija tal-leġislatura parlamentari 2009-2014,

billi l-Ombudsman Ewropew hu eliġibbli għal ħatra mill-ġdid,

billi l-Ombudsman Ewropew jintgħażel minn fost persuni li huma ċittadini tal-Unjoni, li għandhom id-drittijiet ċivili u politiċi kollha, li joffru kull garanzija ta' indipendenza u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti għat-twettiq tal-ogħla kariga ġudizzjarja fil-pajjiż jew li jkollhom il-kompetenza u l-esperjenza rikonoxxuti biex iwettqu d-dmirijiet tal-Ombudsman,

1. Qed issir sejħa għan-nominazzjonijiet għall-elezzjoni ta' Ombudsman Ewropew mill-Parlament Ewropew.

2. In-nominazzjonijiet għandu jkollhom l-appoġġ ta' mhux inqas minn erbgħin Membru tal-Parlament Ewropew li jkollhom in-nazzjonalità' ta' mhux inqas minn żewġ Stati Membri u jridu jipprovdu d-dokumenti kollha ta' prova meħtieġa sabiex juru b'mod ċert li li l-persuni nominati jissodisfaw il-kundizzjonijiet mitluba mir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman kif ukoll impenn solenni min-naħa tagħhom li, jekk jiġu eletti, ma jinvolvu ruħhom fl-ebda okkupazzjoni professjonali oħra, kemm jekk bi ħlas kif ukoll jekk bla ħlas, waqt iż-żmien tagħhom fil-kariga.

([1]) ĠU L 113, 4.5.1994, p. 15.

3. In-nominazzjonijiet iridu jintbagħtu lill-President tal-Parlament Ewropew sa mhux aktar tard mit-8 ta' Mejju 2013 [1].

M. SCHULZ

President tal-Parlament Ewropew

---

[1] In-nominazzjonijiet għandhom jintbagħtu lil:
Il-President tal-Parlament Ewropew
(Nominazzjonijiet għall-kariga ta' Ombudsman Ewropew)
Louise Weiss Building
Allée du Printemps
BP 1024/F
67070 Strasbourg cedex
FRANCE
jew
Paul-Henri Spaak Building
Rue Wiertz/Wiertzstraat
1047 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT